

Brussell, 15 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12811/25

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
2025/0172 (COD)  
2025/0176 (COD)  
2025/0177 (COD)

---

SIMPL 101  
ANTICI 112  
INDEF 92  
MAP 59  
CSC 447  
ENV 835  
COMPET 868  
ENT 161  
MI 649  
CHIMIE 78  
CODEC 1258

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 3800 final
Suġġett:	AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI dwar l-applikazzjoni tal-qafas ta' finanzjament sostenibbli u tad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva għas-settur tad-difiża

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 3800 final.

Mehmuż: C(2025) 3800 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.8.2025  
C(2025) 3800 final

### **AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI**

**dwar l-applikazzjoni tal-qafas ta' finanzjament sostenibbli u tad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva għas-settur tad-difiża**

## AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

### dwar l-applikazzjoni tal-qafas ta' finanzjament sostenibbli u tad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva għas-settur tad-difiża

#### Werrej

1	Introduzzjoni .....	2
2	Investiment fl-industrija tad-difiża – kontribut għar-reżiljenza u s-sigurtà tal-UE .....	3
2.1	L-industrija tad-difiża tikkontribwixxi għal objettivi usa' tal-UE u tan-NU .....	3
2.2	L-industrija tad-difiża fil-kuntest tal-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE u s-CSDDD .....	4
3	Mitigazzjoni tar-riskju f'invoviment mal-industrija tad-difiża.....	5
3.1	Trattati internazzjonali u leġiżlazzjoni tal-UE li jirregolaw l-użu u l-esportazzjoni .....	5
3.1.1	Trasferimenti (esportazzjonijiet) barra l-UE ta' teknoloġija u tagħmir militari.....	6
3.1.2	Trasferimenti intra-UE ta' teknoloġija u tagħmir militari.....	8
3.1.3	Trasferiment barra mill-UE ta' oġġetti b'użu doppju .....	8
3.2	Mitigazzjoni tar-riskju f'fajls leġiżlattivi differenti tal-qafas finanzjarju sostenibbli u tas-CSDDD 9	
3.2.1	Ir-Regolament dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà tas-servizzi finanzjarji (SFDR, Sustainable Finance Disclosures Regulation) .....	9
3.2.2	Tassonomija tal-UE.....	11
3.2.3	MiFID II .....	12
3.2.4	CSDDD .....	13
3.2.5	CSRD .....	14
3.2.6	BMR.....	14
4	Limiti tad-dħul.....	15
5	Valutazzjoni tal-kontribut tas-settur tad-difiża għas-sostenibbiltà soċjali.....	15

## 1 Introduzzjoni

- (1) Dan l-Avviż tal-Kummissjoni (“l-Avviż”) għandu l-għan li jipprovdi gwida dwar l-applikabbiltà tal-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE għall-industrija tad-difiża.
- (2) Il-finanzjament sostenibbli jirreferi għall-proċess li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ambjentali, soċjali u ta’ governanza (ESG, environmental, social and governance) meta jittieħdu deċiżjonijiet ta’ investment fis-settur finanzjarju, filwaqt li jiġi ffaċilitat apprezzament aħjar tar-riskji relatati mas-sostenibbiltà u aktar investimenti f’attivitajiet u fi proġetti ekonomiċi sostenibbli.
- (3) L-Avviż huwa maħsub biex jgħin lill-operaturi tas-suq jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tal-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE fir-rigward tal-industrija tad-difiża. L-għan tiegħu huwa li jgħin fil-prevenzjoni ta’ kwalunkwe diskriminazzjoni bla bżonn tas-settur fid-deċiżjonijiet dwar l-investment, u jiżgura fehim u rikonossiment aħjar tal-potenzjal tas-settur li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà soċjali, f’konformità mal-oġettivi tal-istrategġija għall-industrija tad-difiża Ewropea<sup>1</sup> u l-White Paper Konġunta dwar il-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030<sup>2</sup>.
- (4) L-Avviż jiċċara li l-qafas ta’ finanzjament sostenibbli tal-UE huwa kompatibbli mal-investment fis-settur tad-difiża, u li d-divulgazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà japplikaw b’mod orizzontali fl-industriji kollha. Il-Kummissjoni tfakkar li l-qafas ma jistabbilixxi l-ebda limitazzjoni fuq il-finanzjament ta’ kwalunkwe settur, inkluż is-settur tad-difiża, u thegħeġ l-investimenti fis-settur tad-difiża, bħal dawk fi kwalunkwe settur ieħor, li għandhom jiġu vvalutati fuq bażi ta’ każ b’każ.
- (5) L-Avviż huwa maħsub għall-investituri u l-operaturi kollha msemmija fil-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE, kif ukoll għall-awtoritajiet u l-korpi pubbliċi. L-Avviż se jkun partikolarment rilevanti għal:
  - parteċipanti fis-swieq finanzjarji;
  - fornituri tal-klassifikazzjoni tal-ESG, jiġifieri persuna ġuridika li toħroġ klassifikazzjonijiet jew punteġġi tal-ESG fuq bażi professjonali<sup>3</sup>;
  - fornituri tat-tikketti tal-ESG (ekotikketti, tikketti nazzjonali eċċ.);
  - boroż/fornituri tal-indiċi, fornituri ta’ parametri referenzjarji, bejjieġha tad-data/korpi taċ-ċertifikazzjoni, eċċ.
- (6) L-Avviż ikopri t-testi li jikkostitwixxu l-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE, b’mod partikolari:
  - Ir-Regolament (UE) 2019/2088 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (SFDR, Sustainable Finance Disclosure Regulation, )<sup>4</sup>;

<sup>1</sup> [Strategġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea](#)

<sup>2</sup> [JOIN \(2025\) 120 final](#)

<sup>3</sup> COM/2023/314 final - 2023/0177(COD)

<sup>4</sup> ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1–16; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32019R2088>

- Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/565 u d-Direttiva Delegata (UE) 2017/593 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID II, Markets in Financial Instruments Directive)<sup>5</sup>;
- Ir-Regolament (UE) 2020/852 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (“it-Tassonomija tal-UE”)<sup>6</sup>;
- Id-Direttiva (UE) 2022/2464 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (CSRD, Corporate Sustainability Reporting Directive)<sup>7</sup>;
- Ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (BMR, Benchmarks Regulation)<sup>8</sup>.
- Id-Direttiva 2024/1760/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u li temenda d-Direttiva 2019/1937/UE u r-Regolament (UE) 2023/2859 (CSDDD, Corporate Sustainability Due Diligence Directive)<sup>9</sup>;

## **2 Investiment fl-industrija tad-difiża – kontribut għar-reżiljenza u s-sigurtà tal-UE**

### **2.1 L-industrija tad-difiża tikkontribwixxi għal objettivi usa' tal-UE u tan-NU**

- (7) Fir-rigward tas-sostenibbiltà, l-għanijiet ta' politika tal-Unjoni Ewropea u tan-Nazzjonijiet Uniti (“NU”) huma allinjati b'mod qawwi. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU<sup>10</sup> huma ċċitati direttament bħala objettiv tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima<sup>11</sup>, il-pedament legali tal-Patt Ekoloġiku tal-UE. Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tikkodifika l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-UE sal-2050, u tiddikjara fil-premessa 4 tagħha li dan l-“objettiv fiss fit-tul huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjiegi ta' kwalità għolja, għat-tkabbir sostenibbli u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti”.
- (8) It-testi tan-NU jirrikonoxxu wkoll li l-libertà, il-prosperità u l-ġustizzja huma impossibbli mingħajr sigurtà jew taħt okkupazzjoni militari minn aggressur barrani. Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem<sup>12</sup> tafferma fl-Artikolu 3 li “kulħadd għandu d-dritt għall-ħajja, il-libertà u s-sigurtà tal-persuna”, u fl-Artikolu 28 li “kulħadd huwa intitolat għal ordni soċjali u internazzjonali li fih id-drittijiet u l-libertajiet stabbiliti f'din id-Dikjarazzjoni jistgħu jitwettqu bis-sħiħ”. L-Artikolu 51 tal-Karta tan-NU jstabbilixxi d-dritt għall-awtodifiża (kollettiva): “Xejn f'din il-Karta ma għandu jxekkel id-dritt inerenti

<sup>5</sup>ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349–496; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014L0065>

<sup>6</sup>ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13–43; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32020R0852>

<sup>7</sup>ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15–80; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32022L2464>

<sup>8</sup> ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1–65; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32016R1011>

<sup>9</sup> ĠU L 2024/1760, 5.7.2024; <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj>

<sup>10</sup> [IS-17-IL GHANJ Żvilupp Sostenibbli](#)

<sup>11</sup> Regolament (UE) 2021/1119, [ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1–17](#)

<sup>12</sup> [Id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem](#)

ta' awtodifiża individwali jew kollettiva jekk iseħħ attakk armat kontra membru tan-Nazzjonijiet Uniti, sakemm il-Kunsill tas-Sigurtà jkun ħa l-miżuri meħtieġa biex iżomm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali”<sup>13</sup>.

- (9) Il-gwerra mhux ġustifikata u mhux ipprovokata tar-Russja kontra l-Ukrajna għamlitha ċara li biex jiġu ssalvagwardjati dawn id-drittijiet universali fl-Unjoni u lil hinn minnha, l-Unjoni trid issaħħaħ u tkompli tiżviluppa l-kapaċità li tiddefendi lilha nnifisha. Skont il-valutazzjonijiet tat-theddid minn diversi servizzi tal-intelliġenza tal-UE, il-kapaċità tar-Russja li tipproduċi tagħmir militari żdiedet bil-kbir u jkollha l-kapaċitajiet militari li tittestja l-unità tal-pajjiżi tal-Punent u l-effettività tal-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana fit-3 snin sa 5 snin li ġejjin.
- (10) Dan jagħti mandat għall-adozzjoni ta' mentalità ta' prontezza tad-difiża u għat-tiħiħ immedjat tal-isforzi biex jiġu stabbiliti mill-ġdid il-prontezza u d-deterrenza għad-difiża sal-2030. F'dan il-kuntest, il-prontezza għad-difiża għandha tinftiehem bħala l-kapaċità tal-Istati Membri li jantiċipaw, jipprevjenu u jirrispondu għal kriżijiet relatati mad-difiża. Sabiex tinkiseb din il-prontezza, huwa kruċjali li tingħata spinta lill-kapaċità u lill-prontezza tal-industrija tad-difiża, peress li din l-industrija min-naħa tagħha tiżgura li l-forzi armati tal-Istati Membri jkollhom it-tagħmir meħtieġ biex jipproteġu liċ-ċittadini tal-Unjoni. Għalhekk, industrija tad-difiża tal-Unjoni kompetittiva u reżiljenti hija kritika biex jiġu ssalvagwardati l-paċi u s-sigurtà tal-Ewropa<sup>14</sup>. Bħala tali, tikkontribwixxi wkoll għat-twettiq tal-oġettivi tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), li hija stabbilita fl-Artikoli 42 u 46 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Għalhekk, l-industrija tad-difiża hija meħtieġa għad-deterrenza militari kontra aggressur potenzjali, u għall-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni fix-xenarju tal-aktar kontinġenza militari estrema, jiġifieri l-aggressjoni armata. Sal-punt li tgħin biex jintlaħaq dan l-oġattiv, l-industrija tad-difiża tal-UE għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà komuni tagħna, f'konformità mal-għan ta' Żvilupp sostenibbli tan-NU 16 – Paċi, ġustizzja u istituzzjonijiet b'saħħithom<sup>15</sup>.

## **2.2 L-industrija tad-difiża fil-kuntest tal-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE u s-CSDDD**

- (11) Kif iddikjarat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, “it-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika teħtieġ bidliet fl-ispettru politiku kollu u sforz kollettiv tas-setturi kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà”<sup>16</sup>. Għal dak il-għan, il-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE u s-CSDDD jgħinu lill-kumpaniji u lill-investituri jintegraw aħjar is-sostenibbiltà fid-deċiżjonijiet, fil-prodotti, fis-servizzi jew fil-proċessi tagħhom.
- (12) F'konformità ma' dan l-isforz kollettiv li jinvolvi s-setturi kollha, il-Kummissjoni tfakkar li, bħal fi kwalunkwe negozju ieħor, il-kumpaniji attivi fis-settur tad-difiża huma soġġetti għall-aspettattiva ġenerali li jsiru aktar sostenibbli fid-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza.

<sup>13</sup> Il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti — Azzjoni fir-rigward tat-Theddid għall-Paċi, il-Ksur tal-Paċi, u Atti ta' Aggressjoni

<sup>14</sup> [Strateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea](#)

<sup>15</sup> [IS-17-IL GHAN| Żvilupp Sostenibbli](#)

<sup>16</sup> [ĠUL 243, 9.7.2021, p. 1-17](#) Premessa 25

- (13) Il-Kummissjoni diġà ċarat f’diversi okkażjonijiet ir-relazzjoni bejn is-sostenibbiltà soċjali u l-industrija tad-difiża. B’mod partikolari, kemm il-proposta għal Regolament dwar l-Istabbiliment tal-Att b’Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon<sup>17</sup> kif ukoll l-istrateġija istrateġija għall-industrija tad-difiża Ewropea fakkru li “l-industrija tad-difiża tal-Unjoni hija kontributor kruċjali għar-reżiljenza u għas-sigurtà tal-Unjoni, u għalhekk għall-paċi u s-sostenibbiltà soċjali<sup>18</sup>. Minħabba l-kontribut tagħha għar-reżiljenza, is-sigurtà u l-paċi, l-industrija tad-difiża tal-UE ttejjeb is-sostenibbiltà.
- (14) Il-Kummissjoni tinnota li l-qafas finanzjarju sostenibbli huwa konsistenti bis-sħiħ mal-isforzi tal-UE biex tiffaċilita l-aċċess tal-industrija Ewropea tad-difiża għal finanzjament u investiment suffiċjenti<sup>19</sup>. Dan ma jimponi l-ebda limitazzjoni fuq il-finanzjament tas-settur tad-difiża. Ir-regoli tal-UE dwar id-divulgazzjonijiet u l-preferenzi relatati mas-sostenibbiltà japplikaw orizzontalment fl-industriji kollha u ma jindivdwar l-ebda settur. Il-White Paper Konġunta dwar il-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030 tiddikjara wkoll li “l-SFDR ma jipprevjenix il-finanzjament tas-settur tad-difiża”<sup>20</sup>. L-industrija tad-difiża hija ttrattata bħal kwalunkwe settur ieħor, u huma biss l-“armi kontroversjali” (ara t-Taqsima 3.2.1.2), li huma meqjusa soġġetti għal rekwiżiti ta’ divulgazzjoni addizzjonali. Għalhekk, l-esklużjoni tal-industrija tad-difiża bħala tali ma tkun konsistenti mal-qafas legali applikabbli.
- (15) Fir-rigward tas-CSDDD, dan ikopri s-settur tad-difiża bħal kwalunkwe settur ieħor ħliet għall-esklużjoni mill-obbligi ta’ diliġenza dovuta tal-attivitajiet tas-sħab kummerċjali downstream li huma relatati ma’ prodotti li huma soġġetti għall-kontroll tal-esportazzjoni minn Stat Membru (jiġifieri jew il-kontroll tal-esportazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta’ oġġetti b’użu doppju, jew il-kontroll tal-esportazzjoni ta’ armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra taħt kontrolli nazzjonali tal-esportazzjoni), wara li tkun awtorizzata l-esportazzjoni tal-prodott.

### **3 Mitigazzjoni tar-riskju f’involverment mal-industrija tad-difiża**

#### **3.1 Trattati internazzjonali u leġislazzjoni tal-UE li jirregolaw l-użu u l-esportazzjoni**

- (16) L-industrija tad-difiża hija regolata ħafna, u hija soġġetta għal leġislazzjoni dwar il-produzzjoni, l-użu u t-trasferiment tal-prodotti u t-teknoloġiji li tiżviluppa, inklużi l-armi, fl-UE u barra minnha. Dawn ir-regolamenti jgħinu biex jittaffa l-impatt negattiv potenzjali relatat mal-użu tal-prodotti żviluppati mill-industrija tad-difiża, konsistenti mal-obbjettivi wiesgħa tal-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE u l-Politika Ewropea u ta’ Sigurtà Komuni tal-UE.
- (17) F’konformità mad-dritt ta’ awtodifiża rikonoxxut mill-Artikolu 51 tal-Karta tan-NU<sup>21</sup> u kif imfakkar fil-pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli

<sup>17</sup> COM(2023) 237 final. Ir-Regolament ġie adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill bħala r-Regolament (UE) 2023/1525. ĠU L 185, 24.7.2023, p. 7. Il-koleġislaturi approvaw l-istess test fil-premessa 35.

<sup>18</sup> [Strateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea](#) p. 24

<sup>19</sup> Strateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea: paġna 25 Kaxxa 5: L-industrija tad-difiża u l-qafas ta’ finanzjament sostenibbli tal-UE

<sup>20</sup> [JOIN \(2025\) 120 final](#), p.18

<sup>21</sup> [eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32008E0944](http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32008E0944)

komuni li jirregolaw il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari ("il-Pożizzjoni Komuni")<sup>22</sup>, il-Premessa 12 tal-preambolu, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jittrasferixxu u jesportaw il-mezzi ta' awtodifiża. Il-Kummissjoni thegħgeġ lill-operaturi jsegwu loġika ta' każ b'każ meta jivvalutaw il-finanzjament ta' kumpanija jew attività partikolari tas-settur tad-difiża kontra kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà. Jenħtieġ li jittieħdu deċiżjonijiet abbażi tal-konformità mal-liġijiet, mat-trattati u mal-proċessi ta' mitigazzjoni tar-riskju applikabbli stabbiliti f'din it-taqsim.

- (18) L-esportazzjoni u t-trasferiment intra-UE ta' oġġetti militari u b'użu doppju huma soġġetti għal kontrolli stretti implimentati mill-Istati Membri. L-infurzar mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġislazzjoni tal-UE u dik internazzjonali jiddependi fuq l-industrija li tiegħu miżuri ta' diliġenza dovuta. Pereżempju, bħala prerekwiżit biex jinkisbu l-liċenzji tal-esportazzjoni, il-kumpaniji tad-difiża huma meħtieġa jimplementaw miżuri robusti ta' kontroll intern u ta' konformità, imposti mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kontroll tal-esportazzjoni. Is-superviżjoni mill-qrib mill-aġenziji tal-Istati Membri li jinfurzar il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-esportazzjoni tikkostitwixxi parti importanti mill-indirizzar tal-impatti negattivi potenzjali tal-prodotti żviluppatti mill-industrija tad-difiża.

### 3.1.1 Trasferimenti (esportazzjonijiet) barra l-UE ta' teknoloġija u tagħmir militari

- (19) Il-kontroll tal-esportazzjoni fuq vjeġġi ta' armi, munizzjon, il-komponenti tagħhom, u t-teknoloġija militari huwa regolat permezz tal-PESK (l-atti legali huma adottati abbażi tal-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea). Skont l-Artikolu 40 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni ma għandhiex taffettwa d-diviżjoni tas-setgħat bejn l-UE u l-Istati Membri<sup>23</sup>. L-Istati Membri, permezz tas-sistemi nazzjonali tagħhom, jikkontrollaw l-esportazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir militari (inklużi l-armi) elenkati fil-lista Militari tal-Unjoni Ewropea<sup>24</sup>, f'konformità mal-pożizzjoni Komuni. Il-pożizzjoni Komuni telenka kriterji li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri biex jagħtu liċenzja tal-esportazzjoni. Dawn il-kundizzjonijiet jinkludu, fost l-oħrajn, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż riċevitur u l-preservazzjoni tal-paċi u s-sigurtà reġjonali. Il-Pożizzjoni Komuni hija legalment vinkolanti fuq l-Istati Membri.
- (20) Il-pożizzjoni Komuni tfakkar l-obbligi skont it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, li l-Istati Membri kollha tal-UE huma partijiet għalihom, u li jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Istati Partijiet ma għandhom jawtorizzaw l-ebda trasferiment ta' armi konvenzjonali jew ta' oġġetti koperti skont it-Trattat jekk it-trasferiment jikser l-obbligi tagħhom skont il-miżuri adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li jaġixxi skont il-Kapitolu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; l-obbligi internazzjonali rilevanti tagħhom skont ftehimiet internazzjonali li għalihom hija parti, b'mod partikolari dawk relatati mat-trasferiment ta', jew it-traffikar illeċitu ta', armi konvenzjonali; jew jekk ikollhom għarfien fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni li l-armi jew l-oġġetti jintużaw fit-twettiq ta' ġenoċidju, reati kontra l-umanità, ksur gravi tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949, attacchi diretti kontra oġġetti ċivili jew ċivili protetti bħala tali, jew reati oħra tal-gwerra kif definiti minn ftehimiet internazzjonali li għalihom huma Parti<sup>25</sup>.

<sup>22</sup> [CL2008E0944EN0010010.0001\\_cp 1.1 \(europa.eu\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C_202501499)

<sup>23</sup> ĠU C 115, 9.5.2008, p. 194–194

<sup>24</sup> [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C\\_202501499](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C_202501499)

<sup>25</sup> [https://thearmstradetreaty.org/hyper-images/file/ATT\\_English/ATT\\_English.pdf?templateId=137253](https://thearmstradetreaty.org/hyper-images/file/ATT_English/ATT_English.pdf?templateId=137253)

- (21) Il-Pożizzjoni Komuni tistabbilixxi wkoll obbligi biex jiġu miċħuda t-trasferimenti jekk l-approvazzjoni tkun inkonsistenti mal-obbligi u l-impenji internazzjonali tal-Istati Membri, bħat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (1968), li għalihom l-Istati Membri kollha tal-UE huma partijiet, li jipprevedi li kull wieħed minnhom jimpenja ruħu li ma jittrasferix armi nukleari jew apparat splussiv direttament jew indirettament, u li jiċċara dan l-obbligu bħala bażi għar-rifjut ta' liċenzji rilevanti tal-esportazzjoni<sup>26</sup>, u trattati oħra. Il-Gwida għall-Utenti għall-Pożizzjoni Komuni<sup>27</sup> tipprovdi lista komprensiva, iżda mhux eżawrjenti, ta' trattati li għandhom jitqiesu qabel ma tiġi awtorizzata liċenzja tal-esportazzjoni<sup>28</sup>.
- (22) Il-Gwida għall-Utenti tinkludi sensiela ta' mekkaniżmi li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu biex jindirizzaw it-tħassib dwar l-esportazzjoni mill-ġdid u l-utent finali, bħall-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża f'ċertifikat tal-utent finali. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, "klawżola dwar l-użu finali u/jew in-nuqqas ta' riesportazzjoni, fejn xieraq" u għażla għall-Istati Membri biex jinkludu "klawżola li tipprojbixxi l-esportazzjoni mill-ġdid tal-merkanzija koperta fiċ-ċertifikat tal-utent finali". Il-metodoloġija inkluża fil-Gwida għall-Utenti, kif ukoll il-ftehimiet internazzjonali li tagħmel referenza għaliha<sup>29</sup> jservu bħala standards li skonthom l-awtoritajiet tal-Istati Membri jivvalutaw l-imġiba tal-kumpaniji fis-settur.
- (23) Il-Gwida għall-Utenti fiha wkoll mekkaniżmi fakultattivi ta' faċilitazzjoni biex tiġi promossa l-konverġenza u jiġi ffaċilitat it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-esportazzjonijiet ta' tagħmir jew teknoloġija militari ffinanzjati u prodotti b'mod konġunt. Il-prinċipju ta' gwida ġenerali għandu jkun li, sakemm ma jiddeċidux mod ieħor, l-Istat Maġġur tal-Unjoni Ewropea (EUMS, European Union Military Staff) li jikkooperaw sabiex jiżviluppaw b'mod konġunt tagħmir jew teknoloġija militari se jiffaċilitaw, abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju f'konformità mal-kriterji tal-pożizzjoni Komuni u l-fiduċja reċiproka, l-esportazzjoni ta' dan it-tagħmir jew teknoloġija barra mill-UE sakemm l-esportazzjoni ma tfixkilx l-interessi tas-sigurtà diretti jew nazzjonali tagħhom u l-obbligi internazzjonali tagħhom (fir-rigward tal-kummerċ f'tagħmir jew teknoloġija militari). Sabiex tiġi promossa l-konverġenza u jiġi ffaċilitat it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-esportazzjonijiet ta' tagħmir jew teknoloġija militari ffinanzjati u prodotti b'mod konġunt, l-Istati Membri parteċipanti huma mħeġġa jikkonsultaw ma' xulxin dwar il-valutazzjoni tar-riskju tagħhom ta' destinazzjonijiet potenzjali tal-esportazzjoni u utenti finali biex jiżguraw implimentazzjoni b'suċċess tal-proġett konġunt. Meta jaqblu ma' dan il-prinċipju komuni, huma jipplanaw li jistabbilixxu qafas għat-twettiq tal-konsultazzjonijiet, jekk ikun meħtieġ.
- (24) Is-Sottogrupp ta' Ħidma tal-Kunsill tal-UE dwar l-esportazzjonijiet ta' Armi Konvenzjonali (COARM, (Conventional Arms) jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni

<sup>26</sup> L-Artikolu 2, (1b)

<sup>27</sup> <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6881-2025-INIT/mt/pdf>

<sup>28</sup> Dawn jinkludu trattati u strumenti (reġimi) internazzjonali li jirregolaw l-użu u/jew il-kumulazzjoni u/jew l-esportazzjoni u t-trasferiment jew tagħmir u teknoloġija militari, bħal (iżda mhux limitati għal): l-Australia Group, MTCR, il-Kumitat ta' Zangger, in-Nuclear Suppliers Group, l-Arranġament ta' Wassenaar, il-Kodiċi ta' Kondotta ta' The Hague kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi (HCoC, Hague Code of Conduct) (l-ANNEX III (għall-Kapitolu 2, it-Taqsima 6).

<sup>29</sup> Bħall-kontrolli tal-utent finali/tal-użu finali għall-esportazzjonijiet tal-Arranġament ta' Wassenaar

tal-pożizzjoni Komuni tal-UE, fost l-oħrajn, billi jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar caħdjet u dwar destinazzjonijiet sensitivi. L-UE tgħin biex tipprovdi trasparenza dwar l-esportazzjoni tal-armi billi taqsam data dwar l-esportazzjonijiet tal-armi kull sena f'bażi ta' data ġestita mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)<sup>30</sup>.

### 3.1.2 Trasferimenti intra-UE ta' teknoloġija u tagħmir militari

(25) It-trasferimenti intra-UE huma rregolati wkoll permezz tad-Direttiva 2009/43/KE<sup>31</sup> dwar it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fl-Unjoni, li tistabbilixxi diversi kriterji għall-kunsiderazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri qabel ma jawtorizzaw it-trasferiment ta' tagħmir jew teknoloġija tad-difiża. Dawn jinkludu, pereżempju, proċessi biex tiġi evitata d-devjazzjoni possibbli ta' prodotti relatati mad-difiża. Din tistabbilixxi wkoll rekwiżit għall-awtoritajiet tal-esportazzjoni tal-Istati Membri biex jimmonitorjaw il-konformità tal-pajjiż riċevitur mal-limitazzjonijiet tal-esportazzjoni stabbiliti fil-liċenzja tat-trasferiment, darba kull 3 snin<sup>32</sup>.

### 3.1.3 Trasferiment barra mill-UE ta' oġġetti b'użu doppju

(26) Il-Kummissjoni tfakkar li l-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju huwa soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-UE, u soġġett għal governanza differenti mill-esportazzjoni ta' oġġetti militari. Ir-Regolament (UE) 2021/821 stabbilixxa reġim tal-UE għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju<sup>33</sup>.

(27) Fl-2019, il-Kummissjoni ħarġet Rakkomandazzjonijiet<sup>34</sup> dwar il-programmi ta' konformità interna għall-kontrolli tal-kummerċ b'użu doppju skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 għall-kumpaniji involuti fl-esportazzjoni, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju<sup>35</sup>. Il-kumpaniji li jfittxu ċerti liċenzji jenħtieġ li jkollhom mekkaniżmi ta' konformità interni li jkopru l-aspetti li ġejjin, li jistgħu jservu wkoll bħala mudell għall-operaturi finanzjarji li jfittxu li jivvalutaw id-diliġenza dovuta tal-kumpaniji rilevanti: impenn għall-konformità mill-maniġment superjuri; struttura, responsabbiltajiet u riżorsi tal-organizzazzjoni; taħriġ u sensibilizzazzjoni; proċessi u proċeduri ta' skrinjar ta' tranżazzjonijiet; rieżami tal-prestazzjoni, awditi, rapportar u azzjonijiet korrettivi; żamma tar-rekords u dokumentazzjoni; sigurtà fiżika u tal-informazzjoni.

<sup>30</sup> [Bażi tad-data ġestita mis-SEAE](#)

<sup>31</sup> [CL2009L0043EN0020010.0001.3bi\\_cp 1.1](#) il-Punt 7.1

<sup>32</sup> Il-Kapitolu III, l-Artikolu 9

<sup>33</sup> [L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet \(europa.eu\)](#)

<sup>34</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1318 tat-30 ta' Lulju 2019 dwar programmi ta' konformità interna għal kontrolli kummerċjali ta' oġġetti b'użu doppju skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009

<sup>35</sup> [G U L 134, 29.5.2009, p. 1–269](#)

## 3.2 Mitigazzjoni tar-riskju f'fajls leġiżlattivi differenti tal-qafas finanzjarju sostenibbli u tas-CSDDD

### 3.2.1 Ir-Regolament dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà tas-servizzi finanzjarji (SFDR, Sustainable Finance Disclosures Regulation)

- (28) L-SFDR huwa qafas ta' trasparenza li jistabbilixxi kif il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji fl-UE għandhom jiddivulgaw informazzjoni dwar is-sostenibbiltà<sup>36</sup>. L-SFDR huwa mfassal biex jippermetti lill-investituri jivvalutaw kif ir-riskji għas-sostenibbiltà huma integrati fil-proċess tad-deċiżjoni dwar l-investment<sup>37</sup> u biex jifhmu aħjar l-impatt negattiv possibbli tal-prodotti finanzjarji fuq is-sostenibbiltà. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1288, jissupplimenta l-SFDR bi standards tekniċi regolatorji. Pereżempju, dan jirrikjedi li l-intermedjarji finanzjarji, jispjegaw kif prodott finanzjarju b'objettiv ta' sostenibbiltà (jiġifieri divulgazzjoni skont l-Artikolu 9 tal-SFDR) ma jagħmel ħsara sinifikanti lill-ebda wieħed mill-objettivi ta' investment sostenibbli. F'dawn il-każijiet, il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jridu jiddeskrivu kif iqisu l-impatti negattivi fit-Tabella 1 tal-Anness I u kwalunkwe indikatur rilevanti fit-Tabelli 2 u 3 ta' dak l-Anness.
- (29) Għall-parteċipanti fis-suq finanzjarju li jinvestu fl-industrija tad-difiża, l-indikatur tal-impatt negattiv ewlieni (PAI, principal adverse impact) fit-Tabella 1 tal-Anness I li jistgħu jitolbu spjegazzjoni ulterjuri, ikunu, il-PAI 10 “Ksur tal-prinċipji tal-Patt Globali tan-NU u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali”,<sup>38</sup> il-PAI 11 “Nuqqas ta' proċessi u mekkaniżmi ta' konformità biex tiġi mmonitorjata l-konformità mal-prinċipji globali tan-NU u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali”, u tal-indikatur tal-PAI 14 “Esponiment għal armi kontroversjali”.
- 3.2.1.1 L-indikatur PAI 10 u 11 – Valutazzjoni tal-impatti negattivi potenzjali mill-investimenti fl-industrija tad-difiża
- (30) Ir-Regolament (UE) 2022/1288 ma jispeċifikax fid-dettall kif il-parteċipanti fis-suq finanzjarju jistgħu jivvalutaw jekk investment f'attività ekonomika li jikkontribwixxi għal objettiv ambjentali jew soċjali jikkonformax mal-PAIs 10 u 11 fit-Tabella 1 tal-Anness I.
- (31) Il-Patt Globali tan-NU huwa qafas volontarju għall-allinjament tal-operazzjonijiet u l-istrateġiji korporattivi ma' 10 prinċipji ta' responsabbiltà korporattiva aċċettati b'mod universali, inklużi l-prinċipji dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-prinċipju 1 jirrikjedi li n-negozji “jappoġġaw u jirrispettaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ipproklamati internazzjonalment” u l-prinċipju 2 jirrikjedi li n-negozji “jiżguraw li ma jkunux kompliċi f'abbużi tad-drittijiet tal-bniedem”. Element ewlieni tal-Patt Globali huwa l-Komunikazzjoni dwar il-Progress (COP, Communication on Progress), divulgazzjoni annwali li jridu jissottomettu l-kumpaniji parteċipanti. Il-COP tiddekrivi l-isforzi għall-implimentazzjoni tal-10 prinċipji, it-tisħiħ tat-trasparenza u r-responsabbiltà fost il-partijiet ikkonċernati.

<sup>36</sup> [Il-White Paper Konġunta dwar il-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030](#) tad-19 ta' Marzu tiddikjara li “Il-Kummissjoni se tipprovdi l-kjarifika meħtieġa fil-kuntest tar-rieżami tal-SFDR, dwar ir-relazzjoni tad-difiża mal-għanijiet ta' investment tal-qafas ta' sostenibbiltà”

<sup>37</sup> [Divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji - Il-Kummissjoni Ewropea](#)

<sup>38</sup> [G.U.L 196, 25.7.2022](#), p. 1-72, ara p.43

- (32) Il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali jiddedikaw il-Kapitolu IV għad-drittijiet tal-bniedem, li jstabbilixxi sitt prinċipji. It-tielet prinċipju jitlob lill-kumpaniji “modi kif jipprevjenu jew jimmitigaw l-impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem li huma direttament marbuta mal-operazzjonijiet kummerċjali, mal-prodotti jew mas-servizzi tagħhom permezz ta’ relazzjoni kummerċjali, anke jekk ma jikkontribwixxux għal dawk l-impatti.” Il-ħames prinċipju jitlob li “jwettqu d-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem kif xieraq għad-daqs tagħhom, in-natura u l-kuntest tal-operazzjonijiet u s-severità tar-riskji ta’ impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem<sup>39</sup>”.
- (33) Il-Kummissjoni tteġġeg lill-operaturi biex iqisu r-rekwiżiti u l-miżuri ta’ diliġenza dovuta stabbiliti sabiex jikkonformaw mal-leġislazzjonijiet dwar il-kontroll tal-esportazzjoni spjegati fit-taqsima 2.1 bħala li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-prinċipji tal-Patt Globali tan-NU 1 u 2, il-prinċipji 3 u 6 ta’ Kap. IV tal-Linji Gwida tal-OECD għall-intrapriżi Multinazzjonali, u min-naħa tagħhom għall-PAIs 10 u 11 skont ir-Regolament (UE) 2022/1288.

### 3.2.1.2 PAI 14 – Armi kontroversjali

- (34) L-indikatur PAI 14<sup>40</sup> - “sehem ta’ investimenti f’kumpaniji destinatari ta’ investiment involuti fil-manifattura jew fil-bejgħ ta’ armi kontroversjali” - ikopri biss id-divulgazzjoni tal-iskopertura għal erba’ kategoriji ta’ armi kontroversjali: il-mini kontra l-persunal, il-munizzjonijiet dispersivi, l-armi kimiċi u l-armi bijoloġiċi. Dawn huma armi pprojbiti mill-maġġoranza tal-Istati Membri jew mid-dritt internazzjonali li jorbot lill-UE direttament u huma meqjusa li għandhom impatt negattiv prinċipali.
- (35) Id-definizzjoni ta’ armi kontroversjali elenkati fl-SFDR ma tkoprix l-armi nukleari. Sa issa tliet Stati Membri biss, l-Awstrija, l-Irlanda u Malta ffirmaw it-Trattat dwar il-Projbizzjoni tal-Armi Nukleari. Dan huwa trattat separat għat-Trattat tal-1968 dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP, Treaty on Non-Proliferation). L-Istati Membri kollha huma partijiet għat-TNP. It-TNP jipprovdi li kull parti timpenja ruħha li la tittrasferixxi u lanqas tirċievi armi nukleari jew apparat splussiv direttament jew indirettament lil kwalunkwe riċevitur. It-TNP huwa mingħajr preġudizzju għall-programmi nukleari ta’ dawk l-Istati fil-pussess ta’ armi nukleari fiż-żmien tal-iffirmar fl-1968.
- (36) Dan l-obbligu ta’ divulgazzjoni jirreferi għall-konvenzjonijiet internazzjonali li ġejjin:
- L-iżvilupp, il-produzzjoni ta’ armi bijoloġiċi huwa pprojbit mill-Konvenzjoni dwar il-projbizzjoni tal-iżvilupp, il-produzzjoni u l-ħażna ta’ armi batterjoloġiċi (bijoloġiċi) u bit-tossini u dwar il-qerda tagħhom adottata f’Londra fl-10 ta’ April 1972, li ġiet iffirmata u rratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE<sup>41</sup>.
  - L-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ armi kimiċi huma pprojbiti mill-Konvenzjoni dwar il-projbizzjoni tal-iżvilupp, il-produzzjoni, il-kumulazzjoni u l-użu ta’ armi kimiċi u dwar

<sup>39</sup> Il-Linji gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali dwar il-Kondotta Responsabbli tal-Impriżi

<sup>40</sup> L-Anness 1, it-tabella 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2022/1288

<sup>41</sup> [Trattati tal-IHL - Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Armi Bijoloġiċi, 1972](#)

il-qerda tagħhom adottata f'Pariġi fit-13 ta' Jannar 1993<sup>42</sup>, li ġiet iffirmata u rratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE.

- Il-produzzjoni ta' mini kontra l-persunal hija pprojbata mill-Konvenzjoni dwar il-projbizzjoni tal-użu, il-kumulazzjoni, il-produzzjoni u t-trasferiment ta' mini kontra l-persunal u dwar il-qerda tagħhom adottata fl-18 ta' Settembru 1997, li ġiet iffirmata u rratifikata minn maġġoranza kbira tal-Istati Membri<sup>43</sup>.
- Il-produzzjoni ta' munizzjonijiet dispersivi hija pprojbata mill-Konvenzjoni dwar il-Munizzjonijiet Dispersivi tat-30 ta' Mejju 2008<sup>44</sup>, li ġiet iffirmata u rratifikata mill-Awstrija, mill-Belġju, mill-Bulgarija, miċ-Ċekja, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Irlanda, minn Spanja, minn Franza, mill-Kroazja, mill-Italja, mil-Lussemburgu, mill-Ungerija, minn Malta, min-Netherlands, mill-Awstrija, mill-Portugall, mis-Slovenja, mis-Slovakkja u mill-Iżvezja.

### 3.2.2 Tassonomija tal-UE

- (37) It-Tassonomija tal-UE hija għodda ta' trasparenza għall-finanzjament privat li tistabbilixxi klassifikazzjoni ta' attivitajiet ambjentalment sostenibbli bil-għan li jiġu promossi investimenti ambjentalment sostenibbli.
- (38) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE, sabiex titqies bħala “*ambjentalment sostenibbli*”, attività ekonomika trid: “*tikkontribwixxi sostanzjalment*” għal wieħed mis-sitt objettivi ambjentali u “*ma tagħmilx ħsara sinifikanti*” għal kwalunkwe wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra. Din għandha titwettagħ f'konformità mas-salvagwardji minimi stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE; u tikkonforma mal-kriterji tekniċi ta' skrinjar.
- (39) Is-salvagwardji minimi msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE għandhom l-għan li jiżguraw li l-entitajiet li jwettqu attivitajiet ekonomiċi meqjusa bħala “allinjati mat-Tassonomija” jissodisfaw ċerti standards soċjali u ta' governanza minimi. Skont l-Artikolu 18(1), l-impriżi li l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom għandhom jiġu kkunsidrati bħala allinjati mat-Tassonomija jridu jkunu implimentaw diliġenza dovuta u jirrimedjaw proċeduri biex jiżguraw l-allinjament mal-istandards għall-imġiba responsabbli fin-negozju msemmija fil-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem.
- (40) Il-Kummissjoni thegġegħ lill-operaturi biex iqisu r-rekwiżiti u l-miżuri ta' diliġenza dovuta stabbiliti biex jikkonformaw mal-leġislazzjonijiet nazzjonali dwar il-kontroll tal-esportazzjoni spjegati fit-taqsimha 3.1 bħala li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-prinċipju Gwida tan-NU 13, il-prinċipji 3 u 6 tal-Kap. IV tal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, u min-naħa tagħhom lejn is-salvagwardji minimi skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament.

<sup>42</sup> [Trattati tal-IHL - Konvenzjoni li tipprojbixxi l-Armi Kimiċi, 1993 \(icrc.org\)](#)

<sup>43</sup> [Trattati tal-IHL - Konvenzjoni Dwar il-Projbizzjoni tal-Mini kontra l-Persunal, 1997 \(icrc.org\)](#) il-Kummissjoni tinnotta li l-Finlandja, il-Polonja, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja dan l-aħħar ħabbru l-pjanijiet tagħhom li jirtiraw minn dan it-trattat.

<sup>44</sup> [Trattati tal-IHL - Konvenzjoni dwar il-Munizzjonijiet Dispersivi, 2008 \(icrc.org\)](#)

(41) L-Artikolu 18(2) tar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE jagħmel referenza diretta għall-indikaturi tal-impatt negattiv prinċipali tal-SFDR relatati mal-fatturi ta' sostenibbiltà<sup>45</sup>. Għalhekk, l-impriżi għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' diliġenza u ta' rimedju xierqa tagħhom jippermettu l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni, jew ir-rimedju ta' kwalunkwe esponiment attwali jew potenzjali għall-manifattura jew il-bejgħ ta' armi kontroversjali, kif definit fir-Regolament Delegat tal-SFDR<sup>46</sup> (ara 3.2.1.2).

### 3.2.2.1 Dikjarazzjoni tal-allinjament tat-Tassonomija tal-UE f'impriżi relatati mad-difiża

(42) Il-Kummissjoni tfakkar li l-impriżi involuti f'attivitajiet relatati mad-difiża jistgħu, bħal kwalunkwe settur ieħor, jitolbu allinjament tat-tassonomija għal investimenti orizzontali eliġibbli speċifikati fl-Atti Delegati dwar it-Tassonomija. Dan jinkludi, pereżempju, investimenti fl-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet u l-infrastruttura tagħhom, jew investiment fi trasport nadif fil-forma ta' CapEx u/jew OpEx imsemmija fit-Taqsimiet 1.1.2.2. u 1.1.3.2, il-punt (c), tal-Anness I tal-Att Delegat dwar id-Divulgazzjonijiet. Huma jistgħu jiddikjaraw ukoll l-allinjament għal kwalunkwe attività oħra identifikata fl-Atti Delegati dwar it-Tassonomija (jiġifieri attivitajiet fil-qasam tat-trasport, is-soluzzjonijiet tad-data, il-manifattura, eċċ.).

(43) B'mod simili, il-fatt li attivitajiet industrijali speċifiċi tad-difiża sa issa ma ġewx inklużi fit-Tassonomija tal-UE, ma jippreġudikax il-prestazzjoni ambjentali tal-industrija tad-difiża<sup>47</sup>.

(44) Filwaqt li l-atti delegati dwar il-Klima u l-Ambjent tat-Tassonomija tal-UE jistabbilixxu kriterji tekniċi speċifiċi ta' skrinjar li l-kumpaniji jridu jissodisfaw jekk iridu jiddivulgaw li l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom huma allinjati mat-tassonomija, partijiet oħra tal-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE joffru modi differenti ta' valutazzjoni tal-aspetti ta' sostenibbiltà tal-attivitajiet ekonomiċi u tal-operaturi.

(45) Il-pakkett ta' simplifikazzjoni "Omnibus" ta' Frar 2025<sup>48</sup> għandu l-għan li jnaqqas b'mod sostanzjali l-piż amministrattiv għall-kumpaniji li jirrapportaw dwar l-allinjament tat-Tassonomija tagħhom. Se titwettaq ukoll reviżjoni komprensiva tal-att Delegat tat-Tassonomija, bħala parti mill-impenn ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni.

### 3.2.3 MiFID II

(46) Ir-rekwiżiti skont il-MiFID II għad-ditti tal-investiment biex iqisu l-preferenzi ta' sostenibbiltà tal-klijenti u biex jikkunsidraw il-preferenzi ta' sostenibbiltà meta jiddeterminaw is-swieq fil-mira jagħmlu referenza diretta għall-SFDR u għar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE. B'riżultat ta' dan, il-klijenti finali bi preferenzi ta' sostenibbiltà skont il-MiFID II se jkollhom jingħataw parir dwar prodotti li jiġu investiti (jew li jipprovdu esponiment għalihom), mill-inqas sa ċertu punt, f'attivitajiet allinjati mat-tassonomija, jew f'investimenti sostenibbli, f'konformità mal-Artikolu 2(17) tal-SFDR, jew li jqisu l-PAIs.

<sup>45</sup> [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52023XC0616\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52023XC0616(01))

<sup>46</sup> Avviż tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet legali tar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE u rabtiet mar-Regolament dwar Divulgazzjonijiet Relatati mas-Sostenibbiltà tas-Servizzi Finanzjarji [l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet \(europa.eu\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52023XC0616(01))

<sup>47</sup> Ara l-punt 12 ĠU C, C/2023/267, 20.10.2023

<sup>48</sup> [2025/0045 \(COD\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52023XC0616(01))

- (47) Minħabba r-referenza diretta għal “investimenti sostenibbli” kif iddefiniti fl-SFDR u għal “investimenti ambjentalment sostenibbli” kif iddefiniti fit-tassonomija, il-MiFID II timplika li l-operaturi jqisu l-prinċipju ta’ salvagwardji minimi skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE u l-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont l-SFDR meta jivvalutaw jekk il-prodott li huma jqassmu jissodisfax il-preferenzi ta’ sostenibbiltà. Dan tal-aħħar jinkludi l-esponiment għall-indikatur tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-armi kontroversjali kif stabbilit fl-SFDR (ara 3.2.1.2).
- (48) Fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tal-PAIs skont il-MiFID II, l-ebda dispożizzjoni ma tippreskrivi lill-operaturi biex jikkunsidraw li l-investimenti fis-settur tad-difiża għandhom impatti negattivi għall-unika raġuni li jiġu investiti f’dak is-settur, u għalhekk ma għandhomx jiġu offruti lil xi klijent bi preferenzi ta’ sostenibbiltà.

### 3.2.4 CSDDD

- (49) Is-CSDDD, li daħlet fis-seħħ fil-25 ta’ Lulju 2024, teħtieġ li kumpaniji kbar li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom, jew li jagħmlu dħul sinifikanti fl-UE, jidentifikaw u jindirizzaw id-drittijiet tal-bniedem u l-impatti ambjentali negattivi tal-azzjonijiet tagħhom fl-UE u fil-ktajjen tal-valur globali tagħhom.
- (50) Il-kumpaniji tad-difiża li jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni huma soġġetti għas-CSDDD, bħal kwalunkwe kumpanija oħra. Huma jridu jwettqu diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà fir-rigward tal-operazzjonijiet tagħhom stess, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħhom u l-attivitajiet tas-sħab kummerċjali tagħhom li huma relatati mal-produzzjoni tal-prodotti tal-kumpanija jew mal-forniment tas-servizzi tagħha (upstream) jew mad-distribuzzjoni, it-trasport u l-ħżin tal-prodotti tal-kumpanija (downstream). Skont l-Artikolu 3 tas-CSDDD, l-obbligi ta’ diliġenza dovuta skont din id-Direttiva ma jestendux għal attivitajiet tas-sħab kummerċjali downstream tal-kumpaniji li huma relatati ma’ prodotti militari u b’użu doppju meta l-esportazzjoni tagħhom tkun ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri: ““katina ta’ attivitajiet” tfisser: l-attivitajiet tas-sħab kummerċjali downstream ta’ kumpanija relatati mad-distribuzzjoni, mat-trasport u mal-ħżin ta’ prodott ta’ dik il-kumpanija, meta s-sħab kummerċjali jwettqu dawk l-attivitajiet għall-kumpanija jew f’isem il-kumpanija, u li jeskludu d-distribuzzjoni, it-trasport u l-ħżin ta’ prodott li jkun soġġett għall-kontrolli tal-esportazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821 jew għall-kontrolli tal-esportazzjoni relatati ma’ armi, munizzjon jew materjali tal-gwerra, ladarba tkun awtorizzata l-esportazzjoni tal-prodott”<sup>49</sup>.
- (51) Il-proposti “Omnibus” għal direttivi ta’ Frar 2025<sup>50</sup>, għandhom l-għan li jnaqqsu l-piż regolatorju fuq il-kumpaniji, inkluż billi jissimplifikaw għall-kumpaniji fil-kamp ta’ applikazzjoni l-obbligi tagħhom li jidentifikaw impatti negattivi attwali jew potenzjali li jirriżultaw fil-livell tas-sħab kummerċjali indiretti tagħhom. Madankollu, ladarba jiġi identifikat impatt negattiv, il-kumpaniji se jkollhom jipprevjenuh milli jseħħ jew li jtemmuh, wara pjan ta’ prevenzjoni jew ta’ azzjoni korrettiva fejn ikun meħtieġ.<sup>51</sup>

<sup>49</sup> ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, l-Artikolu 3 (g) (ii); <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj>

<sup>50</sup> [2025/0045 \(COD\)](#)

<sup>51</sup> [SWD\(2025\) 80](#) p. 18

- (52) Bħala l-ewwel pass ta' implimentazzjoni ta' dan il-pakkett Omnibus, emenda tas-CSDDD daħlet fis-seħħ fl-17 ta' April, u pposponiet l-iskadenza għat-traspożizzjoni u l-ewwel data tal-applikazzjoni b'sena: għal Lulju 2027 u Lulju 2028, rispettivament<sup>52</sup>.

### 3.2.5 CSRD

- (53) Is-CSRD tintroduċi standards obligatorji tal-UE għar-rapportar tas-sostenibbiltà, magħrufa bħala l-Istandards Ewropej għar-Rapportar tas-Sostenibbiltà (ESRS, European Sustainability Reporting Standards). Dawn l-istandards jeħtieġu divulgazzjonijiet ta' informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà u ma jirrestrinġux l-investimenti fi kwalunkwe settur. Żewġ dispożizzjonijiet ewlenin mill-ewwel sett ta' standards trasversali, li bħalissa huma fis-seħħ, huma partikolarment rilevanti għall-industrija tad-difiża:
- Rekwiżiti Ġenerali (ESRS 1, il-paragrafu 105): Dan l-istandard jippermetti lill-kumpaniji jżommu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni klassifikata jew sensitiva, anke jekk titqies materjali. Il-Kummissjoni tiċċara li l-industrija tad-difiża hija aktar probabbli minn setturi oħra li tuża d-dispożizzjoni li tippermetti l-ommissjoni ta' informazzjoni sensitiva jew klassifikata. Pereżempju, jista' jkun meħtieġ li japplikaw din id-dispożizzjoni fil-każ ta' volumi ta' provvista ta' materja prima jew ċerta informazzjoni finanzjarja relatata mas-sostenibbiltà. Dan il-fatt għandu min-naħa tiegħu jinfluwenza kif il-fornituri tal-assigurazzjoni jinvolvu ruħhom ma' kumpaniji tal-industrija tad-difiża dwar l-użu ta' din id-dispożizzjoni.
  - Konsumaturi u Utenti Finali (ESRS S4): Dan l-istandard jiċċara li kwalunkwe użu illegali jew użu ħażin tal-prodotti jew tas-servizzi ta' kumpanija mill-konsumaturi jew mill-utenti finali huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-istandard.
- (54) Il-proposta "Omnibus" ta' Frar 2025 għar-reviżjoni tas-CSRD u tas-CSDDD<sup>53</sup>, filwaqt li tnaqqas b'mod sostanzjali l-kamp ta' applikazzjoni tal-kumpaniji li mistennija jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rapportar skont is-CSRD, ma għandhiex impatt fuq id-dispożizzjonijiet diġà eżistenti stabbiliti hawn fuq.
- (55) Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li l-applikazzjoni tas-CSRD tiġi posposta b'sentejn għat-tieni u t-tielet mewġa ta' kumpaniji koperti mil-leġiżlazzjoni. Din il-proposta ġiet miftiehma mill-koleġiżlaturi u daħlet fis-seħħ fis-17 ta' April 2025.<sup>54</sup> Din se jkollha tiġi trasposta mill-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2025.

### 3.2.6 BMR

- (56) Il-BMR għandu l-għan li jiżgura t-trasparenza, l-affidabbiltà u l-ġustifikazzjoni tal-parametri referenzjarji użati fis-swieq finanzjarji tal-UE. Parametru referenzjarju huwa punt ta' referenza użat biex titkejjel il-prestazzjoni jew il-valur ta' investiment, kumpanija, jew suq. Il-BMR stabbilixxa "Parametri Referenzjarji ta' Tranżizzjoni Klimatika" (CTBs, Climate Transition Benchmarks) u "Parametri Referenzjarji Allinjati

<sup>52</sup> Id-[Direttiva \(UE\) 2025/794](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2025 li temenda d-Direttivi (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward tad-dati minn meta l-Istati Membri għandhom japplikaw ċerti rekwiżiti ta' rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u ta' diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva

<sup>53</sup> [2025/0045 \(COD\)](#)

<sup>54</sup> [2025/0044 \(COD\)](#)

ma' Pariġi" (PABs, Paris-aligned Benchmarks) u introduċa divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà għall-parametri referenzjarji.

- (57) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818<sup>55</sup> jissupplimenta l-BMR billi jipprovi rekwiżiti speċifiċi għal parametri referenzjarji ttikkettati relatati mal-klima. Ir-regolament għandu l-għan li jippromwovi l-iżvilupp ta' parametri referenzjarji relatati mal-klima ta' kwalità għolja u jistabbilixxi regoli dwar l-esklużjonijiet.
- (58) Il-Kummissjoni ċċarat f' regolament emendatorju dedikat f' dan l-istess pakkett Omnibus ta' difiża, C(2025) 3801, li huma biss il-kumpaniji involuti f' armi pprojbiti li jridu jittqiesu għall-fini tal-applikazzjoni tal-esklużjonijiet skont l-Artikolu 12(1)(a) ta' dak ir-Regolament Delegat. Armi pprojbiti "għandha tisser mini kontra l-persunal, munizzjonijiet dispersivi, armi bijoloġiċi u kimiċi li l-użu, il-pussess, l-iżvilupp, it-trasferiment, il-manifattura u l-ħżin tagħhom huma pprojbiti b' mod espliċitu mill-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-armi li l-maġġoranza tal-Istati Membri huma partijiet għalihom, kif elenkati fl-Anness".

#### **4 Limiti tad-dħul**

- (59) Il-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE ma jippreskrivi l-ebda esklużjoni rigward il-finanzjament ta' attivitajiet relatati mad-difiża bbażati jew fuq perċentwal tal-fatturat ta' kumpanija partikolari f' attivitajiet militari/ta' difiża, jew perċentwal tal-portafoll tal-fond minn investiment f' attivitajiet relatati mad-difiża/mal-militar. Il-Kummissjoni tfakkar li l-qafas ta' finanzjament sostenibbli tal-UE huwa newtrali fir-rigward tas-settur tad-difiża u tidentifika biss l-"armi kontroversjali" kif stabbilit fl-SFDR u spjegat hawn fuq.
- (60) L-esklużjonijiet ġeneralizzati tas-settur tad-difiża bbażati fuq il-fatturat ma jkunux konsistenti ma' loġika każ b'każ biex jiġu mmitigati r-riskji relatati ma' kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà. Huwa meqjus ukoll inkonsistenti mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet strateġiċi tal-UE peress li l-użu ta' limiti tad-dħul biex jiġi eskluż is-settur tad-difiża jkun partikolarment ta' żvantaġġ għall-SMEs, li, minħabba d-domandi ta' speċjalizzazzjoni u r-restrizzjonijiet fuq id-daqs, spiss ma jkunux jistgħu jiddiversifikaw l-attivitajiet tagħhom fis-swieq ċivili<sup>56</sup>.
- (61) Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-operaturi - inklużi l-awtoritajiet superviżorji u l-fornituri tat-tikketta tal-ESG (bħall-ekotikketti nazzjonali) - biex ifasslu l-politiki ta' esklużjoni tagħhom f' konformità mal-approċċ ta' każ b'każ u mal-lista ta' armi kontroversjali kif spjegat hawn fuq.

#### **5 Valutazzjoni tal-kontribut tas-settur tad-difiża għas-sostenibbiltà soċjali**

- (62) Il-qafas finanzjarju sostenibbli tal-UE jippermetti lill-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji jdivulgaw investimenti f' attivitajiet ekonomiċi abbażi tal-kontribut tagħhom għal għanijiet usa' tas-soċjetà jew ambjentali.

<sup>55</sup> [ĠUL 406, 3.12.2020, p. 17-25](#)

<sup>56</sup> [Riżultati tal-istudju: Aċċess għall-finanzjament tal-ekwità għall-SMEs Ewropej tad-difiża - il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

- (63) Fit-Taqsima 3 tal-istrateġija għall-industrija tad-difiża Ewropea, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-industrija tad-difiża bħala kontributor kruċjali għar-reżiljenza u s-sigurtà tal-Unjoni, u għalhekk għall-paċi u s-sostenibbiltà soċjali.
- (64) L-SFDR jiddefinixxi x'inhum minn attivitajiet li jikkontribwixxu għall-oġettivi ambjentali jew soċjali fl-Artikolu 2(17). Din id-definizzjoni ma tinkludix lista magħluqa ta' setturi/attivitajiet ekonomiċi. F'konformità mat-taqsima 3 ta' dan l-Avviż, il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jistgħu jikkonkludu, abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa ta' każ b'każ, li l-attivitajiet ekonomiċi mwettqa mill-industrija tad-difiża tal-UE biex jiġu ssalvagwardjati l-paċi u s-sigurtà, sakemm ma jagħmlux ħsara sinifikanti lil kwalunkwe oġettiv ieħor ta' sostenibbiltà u li l-kumpanija li twettaq l-attività ssegwi prattiki ta' governanza tajba, jikkontribwixxu għall-oġettivi soċjali. Bħal fil-każ ta' kwalunkwe tip ieħor ta' attivitajiet, madankollu ma hemm l-ebda preżunzjoni bil-quddiem li l-attivitajiet ta' difiża jikkontribwixxu għal oġettiv soċjali.
- (65) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-operaturi biex ma jittrattawx id-difiża bħala settur *de facto* mhux kontribwenti fil-valutazzjoni tagħhom tas-setturi li jagħtu kontribut pożittiv lejn is-sostenibbiltà soċjali. L-istess prinċipju għandu japplika għall-operaturi li jivvalutaw il-preferenzi ta' sostenibbiltà u li jiddefinixxu s-swieq fil-mira skont il-MiFID.